**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sarah Magri]**

**vs**

**-Omissis-**
**-Omissis-**
**-Omissis-**
**Silvester Zahra**

**Illum, 27 ta' Gunju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u Silvester Zahra detentur tal-karta tal-identità numru 207288M akkuzati talli:

1. Nhar it-8 ta' Gunju 2014 bejn is-siegha ta' wara nofs in-nhar (13:00hrs) u t-tlieta ta' wara nofs in-

nhar (15:00hrs), volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli ta' Liza Pace detentrici tal-karta tal-karta ta' l-identita bin-numru 302775M u/jew persuni ohra u cioe' vettura ta' l-ghamla Peugeot 607 bin-numru ta' registrazzjoni ACB 486, liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros1164.67;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Lil Silvester Zahra wahdu akkuzat talli:**

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli ta' Liza Pace detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 302775M u/jew persuni ohra u cioe' vettura ta' l-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni HY54YVT liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros1164.67;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli ta' Joseph Vella detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 5774M u/jew persuni ohri u cioe' vettura ta' l-ghamla Audi bin-numru ta' registrazzjoni SGT 356 liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros116.47;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli Mariano Gauci detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 755455M u/jew persuni ohra u cioe' vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni IBQ 024 liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros116.47;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura b'numru ta' registrazzjoni ZEF 712 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-awtorita' dwar it-transport ta' Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja tas-

sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn Awtorita relevanti u ghalhekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz, (Art. 15(1)(2), 16(3) LS 65.11);

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kont qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ZEF 712 kien involut f'incident tat-traffiku u naqas milli jieqaf fuq il-post u meta kien mehtieg naqas li jaghti partikularitajiet tieghu u dettalji ohra tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u/jew naqas li jirraporta l-incident lil Pulizija jew Gwardjani Lokali (Art. 67 LS 65.11);

9. Talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru defenettivi w ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 50 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna l-iskwalifika ta' kull licenza tas-sewqan ta' l-imsemmi Silvester Zahra ghal dak il-

perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

**Lil -Omissis-wahdu:**

11. -Omissis-.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat l-ezami tal-imputat Silvester Zahra li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta' Novembru 2014 fejn inghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

**IKKUNSIDRAT**

Illi mix-xhieda tal-**Ispettur Sarah Magri** hareg illi meta hija kienet gewwa l-ghassa tal-Hamrun semghet kommossjoni u meta harget tittawwal rat karrozza Renault bil-pjanci ta'

barra li kienet ipparkjata go Triq il-Ferrovija li fiha kien hemm zewg passiggieri u xufier li dan kien certu Brandon Pace. Dawn qalulha li l-karrozza li kienet habtet fihom kienet ta' certu Silvester Zahra u kienet tal-ghamla Peugeot bin-numru ZEF 712. Tghid illi ftit minuti qabel Silvester kien dahal l-ghassa sabiex jaghmel rapport fuq fastidju mill-genituri tal-ex tfajla tieghu u meta hareg barra u ra lil Brandon Pace li dak iz-zmien kien qed johrog mal-ex tfajla tieghu haseb li kien ser jaghmillu xi haga. Tghid illi ftit wara dahal rapport iehor ta' incident awtomobilistiku bejn vettura Mercedes ma' Peugeot 607 ta' kulur maroon li kien fiha Brandon Pace, certu Vassallo, Josef Borg u Darren Mark Pace u fil-vettura Mercedes kien hemm Silvester Zahra, -Omissis- u persuni ohra.

Tghid illi wara li gabru l-karrozza Mercedes ta' Silvester Zahra u l-Peugeot 607 misjuqa minn Darren Mark Pace, dahal rapport iehor minn Silvano Fenech illi l-Peugeot irriversja gol-karrozza tieghu Toyota. Tghid illi l-hsarat fuq il-vetturi thallsu kollha apparti ta' Silvano Fenech u tal-Orderly Ritianne Gauci fuq it-Toyota IQ.

Rat l-istqarrija tal-imputat Silvester Zahra fejn irrinunzja ghad-dritt li jkellem avukat qabel l-interrogatorju tieghu li

rrakkonta x'gara dakinhar u kif zvolga l-argument li gara ma' Pace.

Semghet ix-xhieda ta' **<u>Brandon Pace</u>** li ddikjara li jahfer lill-imputati u sahansitra wiehed minnhom u cioè l-imputat -omissis- huwa l-gharus ta' ohtu u ghalhekk irrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli.

**<u>WPC323 Ritianne Gauci</u>** xehdet illi fit-8 ta' Gunju 2014 waqt li kienet l-ghassa tal-Hamrun semghet tahbita minn barra u meta harget barra rat vettura Renault li kienet fuq il-bankina mahbuta ma' kantuniera li kienet ukoll mahbuta ma' karrozza Audi ta' PS 356. Hija tghid illi ddecidiet tmur ticcekkja l-karrozza taghha Toyota IBQ 024 li kienet ipparkjata fi Triq l-Iskola li tigi kantuniera ma' fejn gara l-kaz u ndunat li hija kellha wkoll daqqa. Brandon Pace kien qallha li Silvester Zahra kien ghaddej bil-karrozza tieghu Peugeot ZEF 712 u kiser ghal fuqu u bid-daqqa baqa' diehel fuq il-bankina u konsegwenza ta' hekk laqat lill-karrozza Audi. Jghid li ra wkoll lil Silvester jolqot ukoll il-vettura tal-istess xhud u baqa' sejjer. Tghid illi saret taf illi fl-istess incident kien hemm involuta wkoll vettura ohra ta' Silvano Fenech li kien ghaddej minn fejn ir-Regina Auto Dealer u ra l-vettura tieghu BRT 281 Toyota u ra lil Darryl Mark Pace bil-vettura ACB 486 Peugeot jirriversja fuqu

peress illi minn vettura ohra hargu hames (5) persuni li kienu l-klikka tal-akkuzati Silvester Zahra u l-imputat -Omissis-.

**PS1392 Kevin Buhagiar** mit-Taqsima tal-Forensika esebixxa faxxikolu ta' ritratti li ha lid-diversi vetturi involuti f'dan l-incident (Dok. KB1).

Semghet ix-xhieda ta' rapprezentant ta' Felix Garage a rigward hsarat fuq vettura Toyota IBQ 024 fuq ricevuta mmarkata bhala Dok. 30 jghid illi din kellha hsarat ta' sitt mija u sitta u sittin ewro u sebghin centezmu (€666.70).

**Anthony Borg** ma xehedx stante li jigi hu l-imputat Silvester Zahra.

Xehed ukoll **Gerald Bugeja** li jghid li dakinhar tal-incident kien ma' Anthony Borg il-Hamrun u marru ghal Silvester u -Omissis- u ghabbewhom fil-karrozza tieghu Mercedes u meta kienu vicin Regina Auto Dealer iltqaghu ma' Brandon Pace li llum mejjet u xi ohrajn li ma jafhomx u qamet glieda. Jghid illi harab jigri wara Brandon u meta gie lura kollox kien ikkalma.

**<u>Silvano Fenech</u>** li huwa s-sid tal-vettura Toyota Tercel BRT jghid illi ma tantx ra xorti ghaliex kulma jaf li vettura Peugeot irriversjat fuq il-vettura tieghu fejn il-hanut *Woman 2000* il-Hamrun u ra tgegwigija izda ma seta' jaghti l-ebda dettall.

## IKKUNSIDRAT

Rat illi dawn il-proceduri ttawwlu hafna minhabba nuqqas tal-imputati li ghal numru twil ta' seduti ma telghux u stante li dawn il-proceduri kienu sommarji din il-Qorti ma setghetx tipprocedi bis-smigh tal-provi;

Rat ukoll illi l-imputati ma ressqu l-ebda prova hlief li Silvester Zahra talab li jithejja Social Enquiry Report minn ufficjal tal-Probation li dan gie mahluf fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2021 fejn tghid illi dan stabbilizza l-hajja tieghu izda l-unika haga hija li ghadu jikkonsma d-droga kannabis.

## IKKUNSIDRAT

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-

sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb*

*tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible*

*but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi jirrizulta li f'dawn il-proceduri kien hemm serje ta' nuqqasijiet ta' provi min-naha tal-prosekuzzjoni li d-difiza ma kellha bzonn taghmel l-ebda tip ta' difiza fil-konfront tal-akkuzat ghaliex il-provi migjuba ma kinux bizzejjed sabiex din il-Qorti ssib htija.

L-ewwel u qabel kollox in-nies involuti fl-incident b'mod dirett ma ttellghux kollha u ghalhekk ma setghetx tkun taf il-verzjoni taghhom biex tara liema verzjoni hija dik l-aktar verosimili. Fit-tieni lok ma tqabbad l-ebda espert sabiex jezamina l-vetturi involuti fl-incident dwar il-kompatibilità tal-hsarat sofferti fuq il-vetturi u l-anqas ma ntalab l-ebda espert tal-informatika ghal xi filmati li seta' kien hemm tal-incident jew bicciet minnu.

Fit-tielet lok ma sar l-ebda timeline tal-incident u dan stante li ma kienx incident istantanju izda li kien mifrux tul numru ta' toroq u bejn numru ta' persuni.

Inoltre' Brandon Pace kien ukoll irrinunzja ghall-azzjoni fil-konfront tal-imputat u ghalhekk ma xehedx f'dawn il-proceduri.

Minhabba dawn in-nuqqasijiet kollha din il-Qorti ma setghetx tiehu idea cara ta' min effettivament beda l-argument u min habat ma' min u ghalhekk fuq dawn in-nuqqasijiet kollha din il-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre' d-dubju dettat mil-ligi li l-imputat odjern ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif migjuba kontrih.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Silvester Zahra hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minn kull osservanza.

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**